



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.3.2015
COM(2015) 133 final

2015/0066 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**sabiex f'isem l-Unjoni Ewropea titressaq proposta biex ċerti sustanzi kimiċi oħrajn
jitniżżlu fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti
li Jniġġes**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fis-17 ta' Mejju 2004 daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Konvenzjoni), li kienet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE¹. Din il-Konvenzjoni għandha l-għan li tħares saħħet il-bniedem u l-ambjent mill-materjal organiku persistenti li jniġġes (il-POP). Il-Konvenzjoni tipprovdi qafas, ibbażat fuq il-prinċipju tal-prekawżjoni, biex jiġu eliminati l-produzzjoni, l-użu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' tnejn u għoxrin tip ta' POP ta' prijorità, biex dawn jiġu trattati u mormija b'mod sikur u biex jitneħħew jew jonqsu r-rilaxxi ta' ċerti tipi ta' POP mhux intenzjonati.

Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 dwar pollutanti organiċi persistenti² jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-impenji stabbiliti fil-Konvenzjoni u fil-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Fuq Distanza Twila rigward Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Protokoll), approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/259/KE³.

L-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni jistipula li kwalunkwe Parti tista' tressaq proposta lis-Segretarjat biex sustanza kimika titniżżel fl-Annessi A, B jew C tal-Konvenzjoni, u mbagħad din jirrevediha l-Kumitat għall-Analiżi tal-Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes skont l-Artikolu 8(3) u (4). Il-proposta għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness D. Il-proċedura għall-adozzjoni tal-emendi fl-Annessi jirregolaha l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni.

Skont it-tagħrif xjentifiku disponibbli u r-rapporti tal-analiżi, u filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kriterji tal-eżami analitiku mniżżlin fl-Anness D tal-Konvenzjoni, l-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imluħa tal-PFOA u s-sustanzi relatati mal-PFOA li f'kundizzjonijiet ambjentali jistgħu jiġu degradati għal PFOA, juru karatteristiċi ta' POP. F'dan li ġej, referenza għal "PFOA u l-komposti tiegħu" tfisser il-forom kollha deskritti li jaqgħu taħt dan il-paragrafu.

Minn analiżi riċenti tas-suq⁴, li saret f'isem il-Kummissjoni Ewropea, joħroġ fid-dieher li fl-2010 kumpanija waħda biss li timmanifattura l-pentadekafluworooottanoat tal-ammonju (APFO) kienet attiva fl-Unjoni. Din il-kumpanija ħabbret li f'Awwissu 2010 waqqfet għalkollox il-produzzjoni tal-APFO u minn Novembru 2010 waqqfet ukoll il-kummerċjalizzazzjoni tiegħu. L-analiżi tas-suq turi wkoll li l-PFOA u l-APFO jintużaw prinċipalment fl-Unjoni fil-produzzjoni ta' fluworopolimeri u fluworoelastomeri⁵ u li d-dħul fl-ambjent iseħħ f'dan l-istadju.

Fl-20 ta' Ġunju 2013, wara ftehim unanimu tal-Kumitat tal-Istati Membri tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)⁶, il-PFOA u l-APFO żdiedu mal-Lista tal-Kandidati tal-UE għall-awtorizzazzjoni⁷ għax kienu ġew

¹ ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.

² ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

³ ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35.

⁴ van der Putte I, Murin M, van Velthoven M, Affourtit F, l-2010. Analiżi tar-riskji li joħolqu l-użu industrijali tal-Aċidu Perfluworooottanojku (PFOA) u l-Pentadekafluworooottanoat tal-Ammonju (APFO) u l-użu tagħhom f'oġġetti għall-konsumatur. L-evalwazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għal restrizzjonijiet potenzjali fuq il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PFOA u l-APFO. Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Intrapriża u Industrija.

⁵ Il-fluworopolimeri huma materjali tal-plastik bi prestazzjoni għolja u l-fluworoelastomeri huma lastki sintetiċi bi prestazzjoni għolja.

⁶ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁷ ED/69/2013 - Jinsab: <http://echa.europa.eu/documents/10162/b54352de-0f2f-454c-bc83-04f191c560b7>

identifikati bħala Sustanzi ta' Tħassib Serju Ħafna (SVHCs). Il-PFOA u l-APFO ġew identifikati bħala SVHCs abbażi ta' dossier ta' informazzjoni⁸ imħejji mill-Ġermanja skont l-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Id-dejta xjentifika ppreżentata f'dan id-dossier turi li l-PFOA u l-APFO jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57(c) tar-REACH bħala tossiċi għar-riproduzzjoni 1B u, b'mod partikolari, li jissodisfaw ukoll il-kriterji tal-Artikolu 57(d) tar-REACH bħala sustanzi persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi (PBT).

F'Ottubru tal-2013, il-PFOA u l-APFO rċewew klassifikazzjoni armonizzata fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (CLP)⁹, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 944/2013¹⁰, bħala karċinoġeni tal-kategorija 2, tossiku għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B u tossikanti ta' organu mira speċifiku fuq il-fwied wara esponiment ripetut tal-kategorija 1 (STOT RE 1 fwied). Wara din il-klassifikazzjoni, mill-1 ta' Jannar 2015 it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-PFOA u l-APFO bħala sustanzi jew f'taħlitiet għall-forniment lill-pubbliku ġenerali ġew ipprojbti fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 317/2014¹¹.

Minn dan il-punt, l-Awtoritajiet Kompetenti Ġermaniżi u Norveġiżi imlew dossier b'mod konġunt skont l-Anness XV tar-REACH sabiex jipproponu li l-komposti tal-PFOA jiddaħħlu fil-proċess ta' restrizzjoni skont ir-REACH. Dan id-dossier ta' Restrizzjoni¹² imressaq quddiem l-ECHA fis-17 ta' Ottubru 2014, jipproponi restrizzjoni fuq il-manifattura, l-użu jew it-tqegħid fis-suq ta' komposti tal-PFOA bħala sustanzi wehldhom, jew bħala konstitwenti ta' sustanzi oħra, f'taħlitiet jew f'oġġetti.

Billi għandhom proprjetajiet tekniċi mill-aqwa (għax jipprovdu r-ripellanza għall-ilma, iż-żejt, u l-grass), il-komposti tal-PFOA jintużaw f'diversi prodotti għall-konsumatur kif ukoll f'applikazzjonijiet industrijali. Dawn l-użi jwasslu għar-rilaxx mifrux tal-PFOA, l-imluħa tiegħu u s-sustanzi relatati fl-ambjent. Globalment, is-sorsi tal-PFOA tnaqqsu b'mod sinifikanti fl-Istati Uniti, fil-Ġappun u fl-Unjoni. Madanakollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-manifattura tal-fluoropolimeri qed timxi lejn pajjiżi bħar-Russja u ċ-Ċina, fejn huwa preżunt li parti kbira mill-fluoropolimeri għadha qed tiġi manifatturata bl-użu tal-PFOA. Dan jidher minn oġġetti għall-konsumatur li fihom il-PFOA li ħafna drabi jiġu impurtati minn barra l-Unjoni. Is-suq globali tal-fluoropolimeri qed jikber b'mod kontinwu (5-6% fis-sena globalment).

Mill-informazzjoni disponibbli, id-dossier jistima li bħalissa fl-Unjoni jiġu importati 40 tunnellata fis-sena (t/a) ta' PFOA u l-imluħa tiegħu. Barra minn hekk, dan id-dossier jistima li fl-Unjoni jiġu manifatturati 100-1000 t/a ta' sustanzi relatati mal-PFOA u li 100-1000 t/a oħra jiġu impurtati fl-Unjoni. Barra minn hekk, is-sustanzi relatati mal-PFOA jidhru fl-Unjoni permezz ta' oġġetti impurtati, bħat-tessuti, li huma mistennja li jammontaw għal volumi sinifikanti ta' sustanzi relatati mal-PFOA.

Minbarra l-kwalitajiet PBT tagħhom li ġew pruvati, kif jidher fil-klassifikazzjonijiet tar-REACH u tas-CLP innutati aktar 'il fuq, l-Anness XV tad-dossier ta' Restrizzjoni jinvestiga wkoll il-potenzjal tat-trasport ambjentali f'distanza twila (LRT) tal-PFOA u l-komposti tiegħu.

⁸ Jinsab: <http://echa.europa.eu/documents/10162/1b26b219-6783-4981-9acf-154d620937b4>

⁹ ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 944/2013 (il-5 Adattament għall-Progress Tekniku (ATP) tar-Regolament (KE) 1272/2008) (ĠU L 261, 03.10.2013, p. 5).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 317/2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006, fir-rigward tal-Anness XVII (sustanzi CMR) (ĠU L 93, 28.03.2014, p. 24).

¹² Rapport ta' Restrizzjoni għall-PFOA, miġbur mill-Ġermanja u n-Norveġja, ippubblikat fuq is-sit tal-internet tal-ECHA fis-17/12/14. Jinsab: <http://www.echa.europa.eu/web/guest/restrictions-under-consideration>

Id-dokument jagħmel referenza għal rapport li għamlet l-OECD fl-2006 li kkonkluda li l-PFOA u l-komposti tiegħu huma soġġetti għal trasport ambjentali f'distanza twila u nstabu f'żoni mbiegħda bħall-Artiku¹³. Id-dossier ikkonkluda li dan jikkonferma li l-emissjonijiet tal-PFOA u l-komposti tiegħu huma problema ta' tniġġis transkonfinali.

Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli bħalissa fir-rigward tal-kwalitajiet PBT u LRT tal-PFOA u l-komposti tiegħu u, abbażi tal-istudji u r-rapporti ppreżentati hawn fuq, qed jiġi propost li l-PFOA u l-komposti tiegħu jissodisfaw il-kriterji tal-Anness D tal-Konvenzjoni u għaldaqstant jistgħu jitqiesu bħala POP.

Fil-pajjiżi terzi, il-PFOA u l-komposti tiegħu għadhom qed jiġu prodotti, użati u emessi mingħajr intenzjoni f'ammonti sinifikanti. Billi dawn il-kimiċi għandhom il-potenzjal tat-trasport ambjentali f'distanza twila, il-miżuri li ttieħdu fil-livell nazzjonali jew fil-livell tal-Unjoni mhumex biżżejjed biex iżommu l-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, u għalhekk hemm bżonn li tittieħed azzjoni internazzjonali usa'.

Fil-kuntest tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat għall-Analiżi tal-Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes li għandha ssir f'Ottubru tal-2015, jixraq li l-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni, tressaq proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma biex il-PFOA u l-komposti tiegħu jitniżżlu fl-Anness A. Dan jikkostitwixxi pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għall-għanijiet tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

F'Lulju tal-2014, l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri tal-UE approvaw dokument¹⁴ dwar il-fehim komuni bejn il-Konvenzjoni, il-Protokoll u r-REACH.

Id-deċizzjoni li titressaq proposta biex l-PFOA u l-komposti tiegħu jitniżżlu fl-Anness A tal-Konvenzjoni hija bbażata fuq il-konklużjonijiet ta' dan id-dokument dwar il-fehim komuni li jiddikjara li l-proċess tal-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness XVII (Restrizzjoni) tar-REACH jista' jseħħ fl-istess waqt mal-proċess tal-inklużjoni ta' sustanza f'wieħed mill-Annessi tal-Konvenzjoni, u jiddikjara wkoll li t-tlestija tal-proċess ta' Restrizzjoni tar-REACH għal sustanza jista' jħaffef l-iżvilupp tal-pożizzjoni tal-UE għall-Konferenza tal-Partijiet meta jkollha tiġi deċiża l-inklużjoni ta' dik is-sustanza.

F'każ li l-PFOA u l-komposti tiegħu jiġu nominati għall-inklużjoni fl-Anness A tal-Konvenzjoni, jibda perjodu ieħor ta' konsultazzjoni u valutazzjoni mal-partijiet konċernati u kwalunkwe Parti interessata oħra għall-Konvenzjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta se twassal biex jinholq dossier ta' informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u l-kriterji tal-Anness D tal-Konvenzjoni li skontu se titressaq proposta quddiem is-Segretarjat tal-Konvenzjoni biex il-PFOA u l-komposti tiegħu jitniżżlu fl-Anness A tal-Konvenzjoni.

¹³ OECD, 2006. SIDS Initial Assessment Report after SIAM 22 - Ammonium Perfluorooctanoate & Perfluorooctanic Acid, pp. 1-210.

¹⁴ CA/29/2014 – approvat fil-15-il laqgħa tal-Awtoritajiet Kompetenti għar-REACH u s-CLP (CARACAL) f'Lulju tal-2014.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**sabiex f'isem l-Unjoni Ewropea titressaq proposta biex ċerti sustanzi kimiċi oħrajn
jitniżżlu fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti
li Jniġġes**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 191(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Novembru 2004 l-Unjoni rratifikat il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Konvenzjoni) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes¹⁵.
- (2) Bħala Parti għall-Konvenzjoni, l-Unjoni tista' tagħmel proposti biex jiġu emendati l-Annessi tal-Konvenzjoni. L-Anness A tal-Konvenzjoni jagħti lista tal-materjali organiċi persistenti li jniġġsu (POPs) li għandhom jiġu eliminati.
- (3) Skont it-tagħrif xjentifiku disponibbli u r-rapporti tal-analiżi, u filwaqt li jitqiesu kif xieraq ukoll il-kriterji tal-eżami analitiku mniżżlin fl-Anness D tal-Konvenzjoni, l-aċidu perfluworooottanojku (PFOA), l-imluħa tal-PFOA u sustanzi relatati mal-PFOA li f'kundizzjonijiet ambjentali jistgħu jkunu degradati għal PFOA (minn hawn 'il quddiem "il-PFOA u l-komposti tiegħu"), juru karatteristiċi ta' POP.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 59(1) u dossier tal-Anness XV¹⁶ tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)¹⁷, il-PFOA u l-melħ tal-ammonju tiegħu (APFO) ġew inklużi fil-Lista ta' Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju li nstab li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 57(c) ta' dak ir-Regolament bħala tossiċi għar-riproduzzjoni 1B u b'mod partikolari, li jissodisfaw ukoll il-kriterji tal-Artikolu 57(d) ta' dak ir-Regolament bħala sustanzi li huma persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi.

¹⁵ ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.

¹⁶ Jinsab: <http://echa.europa.eu/documents/10162/1b26b219-6783-4981-9acf-154d620937b4>

¹⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 369, 30.12.2006, p.1).

- (5) Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 69(4) tar-REACH, il-PFOA u l-komposti tiegħu bħalissa huma s-suġġett ta' dossier tal-Anness XV¹⁸, imressaq lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi bil-għan li jillimita l-manifattura, l-użu jew it-tqegħid fis-suq tal-PFOA u l-komposti tiegħu waħedhom, jew bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra, f'taħlita jew f'oġġetti.
- (6) Il-PFOA u l-komposti tiegħu huma sustanzi b'użu mifrux madwar id-dinja kollha u huma omnipreżenti fl-ambjent. Billi l-PFOA għandu l-potenzjal tat-trasport ambjentali f'distanza twila, il-miżuri li ttieħdu fil-livell tal-Unjoni mhumix biżżejjed biex jinżamm il-livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u għalhekk hemm bżonn li tittieħed azzjoni internazzjonali usa'.
- (7) Għaldaqstant, l-Unjoni għandha tressaq proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni biex il-PFOA u l-komposti tiegħu jitniżżlu fl-Anness A tal-Konvenzjoni, Din il-proposta u l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-inklużjoni tal-PFOA u l-komposti tiegħu fl-Anness A tal-Konvenzjoni għandhom iqisu kull informazzjoni rilevanti miksuba matul il-proċedura ta' restrizzjoni li għaddejja skont l-Artikoli 68 sa 73 tar-REACH.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tressaq proposta biex il-PFOA u l-komposti tiegħu jitniżżlu fl-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-Konvenzjoni).
2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-proposta lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni u fiha għandha tinkludi t-tagħrif kollu meħtieġ skont l-Anness D tal-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁸ Rapport ta' Restrizzjoni għall-PFOA, miġbur mill-Ġermanja u n-Norveġja, ippubblikat fuq is-sit tal-internet tal-ECHA fis-17/12/14. Jinsab: <http://www.echa.europa.eu/web/guest/restrictions-under-consideration>